# Beati u Qaddisin....Lulju

## BEATI ROGER DICKENSON U RALPH MILNER
## 7 TA’ LULJU:



Fis-7 ta’ Lulju, 1591 ġew mgħallqin f’Winchester, Roger u Milner, ta’ l-ewwel ghax kien sacerdot u tat-tieni talli tah l-ghajnuna.

Milner kien bidwi, haddiem tar-raba’ u kien protestant. B’sorpriza ghal shabu l-protestanti huwa beda’ jmur jitghallem il-fidi kattolika u talab li jidhol membru fil-knisja ta’ Kristu. Meta qabbel il-hajja tal-girien kattolici ma’ dawk protestanti ra li hemm differenza u din ir-raguni geghlitu li jikkonverti ghall-kattoliku.

Dak inhar li ghamel l-ewwel tqarbina gie arrestat u mitfugh fil-habs talli biddel ir-religjon. Inzamm ghal hafna snin, imma l-prugunerija tieghu ma kienitx wahda stretta tant li kemm-il darba hareg *on parole*. Kien jinqeda' b'dan il-mumenti ta' liberta' provizorja biex jigbor ghajnuniet materjali u spiritwali ghal shabu prigunieri.  Kien anke jghin bil-mohbi s-sacerdoti missjunarji li jintbaghtu bil-mohbi gewwa l-Ingilterra.

Sar jaf li qassis djocesan maghruf bhala Mr. Roger Dickenson gie jghix gewwa Winchester. Ma kienitx l-ewwel darba li Roger sab ghajnuna minn Milner.

Imma kif jghid il-malti l-garra gejja u sejra tinkiser. Arrestaw lir-Roger Dickenson, imma dan irnexxilu jahrab meta l-gwardji kienu f'sakra ma jarawx art.

Imma meta nqabad it-tieni darba, Milner kien miegħu, u t-tnejn tressqu għall-ġuri, Dickenson għax kien qassis, u Milner għax kien jgħinu.

Billi l-imhallef ra li Milner kien anzjan, u billi kellu mara u tmien ulied, gietu hniena minnu rrakomandalu li biex jinghata l-helsien bizzejjed li jmur jaghmel zjara fi knisja parrokkjali protestanta.

Imma Milner wieġbu: "Jiġifieri inti tagħtini l-parir li għall-affarijiet li jgħaddu ta' dil-ħajja tridni nitlef 'l Alla tiegħi? Le, Sire, ma naċċettax." Iż-żewġt irġiel ġew maqtulin flimkien.

Xi nisa li kienu kkollaboraw ma’ l-qassis ukoll ġew ikkundannati għall-mewt, iżda s-sentenza tagħhom ġiet mibdula. U minkejja li talbu li jmutu mal-qassis, huma ġew meħuda lura fil-ħabs.

Iż-żewġ martri Roger Dickenson u Ralph Milner ġew iddikjarati beati mill-Papa Piju XI fl-1929.